Knisja 2000

Rivista ta' formazzjoni teoloġika
li tittratta temi ta' duttrina biblika,
dommatika, morali u xjenzi umani

Toħroġ kull tliet xhur

*Bl-approvazzjoni tal-Knisja*

---

**Direzzjoni – Redazzjoni – Amministrazzjoni**

Knisja 2000
Kunvent Patrijiet Dumnikani
Triq San Duminku
Valletta VLT 02
Malta

Telefon: 234079 Fax: 248253

---

**Editur:** Fr Raymond Gatt O.P.
**Amministratur:** Fr Henry Abela O.P.
**Distributur:** Br Noel Bugeja O.P.

---

*Setting:* Joe Cassar
*Disinn qoxra:* Louis Runza
*Stampat:* Printcare, San Ġwann. Tel. 497206
*Copyright:* Pubblikazzjonijiet Dumnikani

Knisja 2000

sena XIII nru. 52

april – ġunju 2000

# IL-KNISJA: ORIĠNI U ŻVILUPP

## WERREJ

P. Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

P. Peter Paul Zerafa OP
**Il-Knisja fit-Testment il-Qadim** 5

P. Ġużepp Calleja OFM Conv.
**Il-Knisja ta' Kristu kif tidher fil-Vanġeli u fil-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli** 29

P. Salvinu Caruana OSA
**Il-"Ġemgħa" u d-"Dar ta' Alla". Il-Knisja skond Santu Wistin ta' Ippona** 53

P. Ugo Cremona OP
**Il-Knisja fil-ħsieb ta' San Tumas skond il-Kardinal Yves Congar OP** 65

Dun Hector M. Scerri
**Il-Knisja ta' Vatikan II: Omm u għalliema, oħt u dixxiplu** 73

# Il-Knisja ta' Vatikan II: Omm u għalliema, oħt u dixxiplu

Dun Hector M. Scerri

## Il-Knisja ta' l-imħabba

F'diskors li jibqa' famuż għall-kuraġġ u d-dinamiżmu tiegħu, il-Papa Pawlu VI, fil-ftuħ tat-Tieni Sessjoni tal-Konċilju Vatikan II, niseġ dawn il-kelmiet: "Biex inġeddu l-Knisja u d-dinja, it-tir li lejh jeħtieġ li nimmiraw hu *l-Knisja ta' l-imħabba.*"[1] Fl-istess diskors, Pawlu VI kien saħaq li "hemm bżonn nersqu sabiex inkunu aktar *ecclesia caritatis,* jekk irridu nkunu kapaċi nġeddu mill-qiegħ id-dinja li fiha ngħixu." F'diskors ieħor, did-darba fil-ftuħ tar-raba' u l-aħħar sessjoni tal-Konċilju, l-istess Papa kien qal li l-Konċilju kien att ta' mħabba bi tliet manjieri: att ta' mħabba "għal Alla, għall-Knisja u għall-umanità."[2]

Il-Papa Ġwanni Pawlu II reċentement sejjaħ il-Konċilju Vatikan II bħala "r-rigal ta' l-Ispirtu s-Santu lill-Knisja."[3] Il-Konċilju ġab bidla kbira fil-mod kif il-Knisja tħares lejha nfisha, u lejn id-dinja. Fil-fatt, it-teologu Tedesk, l-Isqof Walter Kasper, qal li "m'hemmx avveniment ieħor fl-istorja reċenti tal-Knisja, kemm fir-rigward tal-Knisja Kattolika kif ukoll fir-rigward tal-Kristjaneżmu, li ħalla effett hekk kbir u ġab daqshekk bidla daqs il-Konċilju Vatikan II."[4] Minn Knisja li speċjalment minn żmien ir-Riforma Protestanta ħarset lejha nfisha bħala *societas perfecta,* skoprejna Knisja li tinsab aktar fil-qalba tad-dinja u s-soċjetà ta' llum. Għadda ż-żmien tad-*De Controversiis* tal-Bellarminu, u sebaħ jum ġdid!

## Melħ, dawl u ħmira

Hija Knisja li tistqarr, proprju fil-ftuħ tal-Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-Dinja ta' Llum: "L-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tal-bnedmin tal-lum, fuq kollox tal-foqra u ta' dawk kollha li jbatu, huma wkoll il-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tad-dixxipli ta' Kristu,

u ma hemm ebda ħaġa li hi tassew tal-bniedem li huma wkoll ma jħossuhiex f'qalbhom" *(Gaudium et Spes,* 1). Hija Knisja li ġieli għajruha revoluzzjonarja għax qabżet għall-imwarrab u għall-imkeċċi. Hija Knisja li kien hemm min għajjarha antikwata għax irrispettat it-tradizzjonijiet ta' l-imgħoddi. Kien hemm drabi meta għajruha progressiva għax impenjat ruħha li tiġġedded, u li tinfatam minn passat li kien ixekkilha fil-qadi tal-missjoni tagħha.

Il-Knisja ta' Vatikan II hija Knisja li ppruvat u qed tipprova tagħmel lilha nfisha aktar preżenti fil-mixja ta' l-umanità. Hi Knisja li trid tkun dejjem aktar "il-melħ ta' l-art u d-dawl tad-dinja" (ara Mt 5,13.14), u bħall-ħmira li tgħolli l-għaġna tas-soċjetà li fiha tgħix (ara Mt 13,33). Għalhekk il-membri tagħha jridu jfittxu li ħajjithom tkun għotja sħiħa: bħall-melħ li jrid jinħall u jintilef biex jagħti t-togħma, bħall-ħmira li tintilef u tinħeba fl-għaġna, hekk ukoll irid jagħmel in-Nisrani biex jaqdi tajjeb il-vokazzjoni tiegħu fis-soċjetà ta' llum.

## Lura għall-għeruq

It-teoloġija ta' Vatikan II hi, nistgħu ngħidu, influwenzata mir-riskoperta ta' l-għejjun *(fontes)* Insara ta' l-ewwel sekli. Dan kien proċess li beda lejn tmiem is-seklu 19, u kompla b'ritmu qawwi matul l-ewwel nofs tas-seklu 20. Nilmħu għalhekk f'dan il-perodu qawmien ġdid fl-oqsma tal-patristika, tal-liturġija u ta' l-Iskrittura, proċess imsejjaħ "the return to the Christian sources", jew "ressourcement". Ma' din il-mewġa ta' twelid ġdid fit-teoloġija, nassoċjaw ismijiet ta' ġganti bħal Henri de Lubac, Jean Daniélou, Yves Congar, Romano Guardini, Lambert Beauduin, Odo Casel u oħrajn.[5]

Kien żmien meta l-Knisja bdiet tiskopri aktar lilha nfisha. Tibqa' emblematika l-istqarrija ta' Romano Guardini fl-1921 li qal u kiteb: "Il-Knisja qegħda tqum għall-ħajja fil-qlub tal-bnedmin."[6] Dal-proċess li semmejna ta' *ressourcement* wassal biex jibda jinħoloq ambjent fejn mhux biss dehru kitbiet kbar ta' xi wħud mill-awturi li semmejna, imma wkoll li membri tal-Knisja bdew aktar jifhmu l-missjoni tagħhom li jkunu ta' melħ, ta' dawl u ta' ħmira għas-soċjetà li jgħixu fiha. Bdew jiskopru l-missjoni profetika tagħhom fi ħdan id-dinja, u li s-sejħa awtentika tagħhom hija waħda li bħal Kristu jkunu "sinjal ta'

kontradizzjoni". Barra minn hekk, il-Knisja skopriet mill-ġdid il-pern tagħha – il-*komunjoni,* "il-pedament li fuqu r-realtà tal-Knisja hi mibnija."[7]

## Knisja-Komunjoni

Il-Knisja għarfet mill-ġdid li għandha tkun *komunjoni* fuq kull livell. Dan wassal lil-lajkat jiskopri l-vokazzjoni u l-missjoni vera tiegħu. Xhieda ta' dan hija l-iżvolta kbira li seħħet fil-Knisja fejn jidħol is-sehem tal-lajċi. Dan ir-rwol ma għandniex inħarsu lejh bħala r-riżultat taċ-ċirkostanzi. Għax naqsu s-saċerdoti, allura nagħtu ċerti ħidmiet tagħhom lil-lajċi. Din hi viżjoni żbaljata! Il-lajk għandu rwol proprju tiegħu. Għax imgħammed għandu sehem x'jagħti filwaqt li jipparteċipa fil-missjoni ta' Kristu fid-dinja. Għarfien ġdid tal-komunjoni fil-Knisja ta spinta biex tikber il-kollaborazzjoni u l-korresponsabilità fil-Knisja. Biżżejjed niftakru li ħafna strutturi ta' parteċipazzjoni wiesgħa (bħall-Kunsill Presbiterali, il-Kunsill Pastorali Djoċesan, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali) twieldu bħala frott tat-tiġdid li ġab miegħu Vatikan II. Meta nitkellmu minn komunjoni, irridu wkoll niftakru li jeżisti bilanċ jew dialettika bejn l-*unità* u l-*pluralità* fil-Knisja. Dan ifisser ukoll *unità fid-diversità.* Dan jgħodd meta nirreferu għad-diversitajiet kollha li jeżistu fil-Knisja: diversità ta' vokazzjonijiet, kariżmi, riti u kulturi differenti, eċċ.

## Merħla ċkejkna li tagħti xhieda

Il-Knisja ta' Vatikan II mhix Knisja magħluqa fiha nfisha. Mhix "Knisja-fortizza", forsi mbeżżgħa mid-dinja ta' madwarha. Anzi, bil-kontra! Hija Knisja inserita fis-soċjetà ta' llum. Hija Knisja li għalkemm qegħda fid-dinja, m'hijiex tad-dinja. Hija Knisja li aktar qegħda tifhem u tgħix il-kliem ta' l-Imgħallem tagħha li darba sejħilha "merħla ċkejkna" (Lq 12,32). Li tkun membru ta' din il-merħla ċkejkna jissarraf f'ħajja ta' xhieda mill-imgħammdin. U x-xhieda mhix dejjem faċli! Li tkun Nisrani llum ifisser li trid taqdef kontra l-kurrent, ifisser li tkun differenti, ifisser li toħroġ għonqok biex tiddefendi "l-iltim u l-armla" (Is 1,17) u tippriedka l-ġustizzja. Din hi l-Knisja ta' Vatikan II. Din hi l-Knisja li għamlet għażla preferenzjali tal-fqir u l-batut.

**Ħabbâra ta' l-Hallelujah**

Dan l-istil ta' ħajja bħala membri awtentiċi tal-Knisja mhux xi atteġġjament ta' dwejjaq jew ta' djuq. Anzi, kif jgħid Santu Wistin, f'waħda mill-omeliji tiegħu ta' l-Għid, in-Nisrani għandu l-vokazzjoni li jkun ħabbâr tal-ferħ ta' l-Għid il-Kbir. L-Isqof ta' Ippona jistqarr: "*Hallelujah* tfisser *faħħar il-Mulej*. Għaldaqstant, ejjew ħuti, infaħħru lill-Mulej, permezz ta' ħajjitna u permezz ta' l-ilsna tagħna, bi qlubna u b'xofftejna, bl-ilħna u bl-imġiba tagħna. Dak hu l-mod, żgur, kif Alla jrid li titkantalu *Hallelujah*, b'mod li ma jkunx hemm stunaturi f'min ikantaha. Allura, l-ewwel ejjew naħdmu biex ikun hemm armonija ġewwa fina bejn l-ilsien u l-ħajja, bejn il-ħalq u l-kuxjenza" *(Omelija* 256).

**Liturġija u ħajja**

Il-Knisja ta' Vatikan II tat spinta qawwija biex tidher aktar biċ-ċar ir-rabta bejn il-liturġija u l-ħajja, jiġifieri bejn iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti u x-xhieda Nisranija. Fi kliem ieħor, bejn il-qdusija interjuri u ħajja profetika. Dan kollu hu implikat fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija ta' Vatikan II, *Sacrosanctum Concilium*. Dan id-dokument jitkellem dwar parteċipazzjoni ħajja, attiva u li tħalli l-frott (ara paragrafi 10,11). L-*Hallelujah* li titkanta waqt il-liturġija għandha tkompli tidwi fl-*Hallelujah* li "titkanta" fit-triq u fuq ix-xogħol fil-ġrajjiet ta' kuljum. Il-liturġija li aħna l-imgħammdin niċċelebraw għandha tanima l-ħajja kollha tagħna u tittrasformaha.

**Oħt u dixxiplu**

Din l-eżistenza profetika hi li tagħmel il-Knisja mhux biss *mater et magistra* (omm u għalliema), imma wkoll *soror et discipula* (oħt u dixxiplu). Din it-tieni frażi oriġinali kien ħareġ biha t-teologu Spanjol Victor Codina li jgħix fil-Bolivja. Dan ifisser li l-missjoni tal-Knisja mhix biss li tgħallem b'awtorità kif riedha Kristu, imma wkoll li takkompanja l-bnedmin fit-toroq imserrpin tal-ħajja xi kultant mudlama. Hija missjoni ta' oħt li tpoġġi fil-prattika l-kmand ta' l-Imgħallem li tkun solidali ma' dawk li huma batuti u oppressi.

**Knisja li titgħallem**

Għalhekk, minbarra li hi Knisja li tgħallem *(ecclesia docens)*, hija wkoll Knisja li titgħallem *(ecclesia discens)* mill-esperjenza umana ta' wliedha mxerrdin mad-dinja kollha. Knisja li titgħallem. Hija frażi li tinstema' xi ftit stramba għal widnejna. Imdorrijin bi Knisja li tgħallem, li tippubblika dokumenti ta' kull xorta fuq ħafna suġġetti. Meta ngħidu "Knisja li titgħallem", forsi naħsbu li kliem bħal dan jgħodd għal-lajċi, u mhux għall-ġerarkija (isqfijiet, saċerdoti u djakni).

Fil-fatt, tajjeb li nżommu quddiem għajnejna li l-Knisja kollha hi Knisja li titgħallem. Kull membru tal-Knisja għandu sehem f'dan l-aspett ta' dixxepolat. Bħala għalliema tajba u ta' esperjenza, il-Knisja għandha tkun, l-ewwel u qabel kollox, dik li titgħallem u tisma' b'attenzjoni u tosserva b'għajnejha u qalbha miftuħin beraħ.[8] Fuq dan kien ikkummenta t-teologu kbir Franċiż u Dumnikan, il-Kardinal Yves Congar. Fir-riflessjoni tiegħu qal li l-Knisja, sa Vatikan II, qatt ma kienet stqarret b'mod hekk ċar, li hi wkoll għandha x'titgħallem u x'tirċievi mid-dinja.[9]

Hija Knisja li kif jgħid id-dokument ta' Vatikan II *Gaudium et Spes*, hi msejħa biex tagħraf "is-sinjali taż-żminijiet." Hija Knisja li tagħraf id-dmir tagħha li tisma' taħbitiet il-qlub tal-bnedmin illum, il-ferħ u n-niket tagħhom, is-suċċessi u l-fallimenti li jġarrbu. Biex tkun għalliema tajba, u "esperta fl-umanità" (kif tennew kemm Pawlu VI kif ukoll Ġwanni Pawlu II, il-Knisja trid tkun widnejha miftuħa beraħ u tisma' b'attenzjoni bħal dixxiplu għaqli.

**Spirtu ekumeniku**

Il-Knisja ta' Vatikan II hija wkoll Knisja ekumenika. Insemmu l-atteġġjament tal-Papa Ġwanni XXIII li bil-karizma u l-apertura li kellu fetaħ bibien ġodda u bena pontijiet lejn l-aħwa ta' Knejjes u komunitajiet ekkleżjali oħra Nsara. Din il-bidla fir-relazzjonijiet kompliet bl-isforzi ġenwini li wettaq il-Papa Pawlu VI, kemm fil-laqgħa emozzjonali li kellu mal-Patrijarka Ortodoss Atenagora, kif ukoll f'laqgħat ma' mexxejja Anglikani.

Ekumeniżmu f'sens usa', frott ta' Vatikan II, kompla jidher f'ħafna inizjattivi u avvenimenti oħra. Insemmu ż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu

II fis-Sinagoga ta' Ruma (April 1986) fejn huwa dar lejhom u sejħilhom "ħutna l-kbar". Insemmu wkoll il-laqgħa ta' talb għall-paċi li l-Papa sejjaħ u li għaliha stieden rappreżentanti minn ħafna reliġjonijiet f'Assisi (Ottubru 1986). Tassew simbolika u ekumenika kienet l-okkażjoni tal-ftuħ tal-*Porta Santa* tal-Ġublew il-Kbir fil-Bażilika ta' San Paolo fuori le mura, nhar il-25 ta' Jannar 2000. Il-Papa fetaħ dan il-bieb flimkien mal-Kap tal-Komunjoni Anglikana u ma' Patrijarka Ortodoss. Imbagħad, il-pellegrinaġġ reċenti tal-Papa fl-Art Imqaddsa (Marzu 2000) kien xhieda oħra ta' l-ispirtu ekumeniku li jsaltan fil-Knisja, kemm fir-rigward tal-Lhud kif ukoll tal-Misilmin. Biżżejjed ukoll li wieħed jaqra b'attenzjoni d-dokument qasir ta' Vatikan II, *Nostra Aetate,* dwar ir-relazzjonijiet tal-Knisja mar-reliġjonijiet mhux Insara.

## Knisja-qaddejja

Bħala omm u għalliema, kif ukoll bħala oħt u dixxiplu, il-Knisja għandha l-missjoni li tagħti togħma lis-soċjetà... li tkun bħall-ħmira fl-għaġna (allura strument ta' ottimiżmu u tama)... li tkun bħal żerriegħa li tinbet fil-ħamrija (allura sens ta' ftuħ għall-futur)... li tkun dawl fid-dinja (hija u tirrifletti d-Dawl veru u waħdieni, Ġesù Kristu li hu *Lumen Gentium).* Vatikan II ma jippreżentalniex Knisja li tiddomina, imma *Knisja li taqdi,* Knisja li fiha nfisha m'hemm ebda dawl ieħor ħlief dak ta' Kristu li hi msejħa li tirrifletti.[10] Hawn, xi wħud minn Missirijiet il-Knisja jitkellmu dwar *ekkleżjoloġija lunari,* jiġifieri tal-Knisja li tixbah il-qamar. Il-qamar minnu nnifsu ma jagħtix dawl, imma biss jirrifletti d-dawl tax-xemx. L-istess il-Knisja: dmirha hu li tkun ħabbâra tad-Dawl veru li ġie fid-dinja.

## Niskopru l-ittra u l-ispirtu tal-Konċilju

Sewwa jistqarr b'tant ħeġġa l-Isqof Walter Kasper, meta dan iħares lejn il-Knisja li qisha skopriet mill-ġdid iż-żgħożija tagħha fil-Konċilju Vatikan II: "Il-Knisja li bdiet vjaġġ ġdid fil-Vatikan II trid u se tkompli f'din it-triq. L-implimentazzjoni tal-Konċilju għadha 'l bogħod mill-għan tagħha. M'hemm ebda ċans li nduru lura għaż-żmien prekonċiljari. Lanqas ma tidher it-triq li tieħu lil hinn mill-Konċilju,

forsi lejn il-Vatikan III. Għadna m'aħniex imħejjija għal dan, u għadna ma wżajniex it-teżori kollha li fetħilna Vatikan II. Għalhekk fadal biss strateġija waħda: li nidħlu aktar fil-fond fil-Konċilju, fl-ittra tiegħu u fl-ispirtu tiegħu, biex hekk nissograw nidħlu fit-tielet millennju ta' l-istorja tal-Knisja."[11]

Din hi l-Knisja ta' Vatikan II - poplu pellegrin li huwa l-"poplu ta' l-Għid" li jkanta *Hallelujah*. Huwa poplu msejjaħ biex iwassal il-paċi, il-ferħ u l-ottimiżmu ta' l-Għid. Kull Nisrani għandu din is-sejħa li jkun *bniedem **għall-oħrajn**,* u *bniedem **ma'** l-oħrajn*. Hija sejħa li jekk l-Insara jgħixu, verament nistgħu ngħidu li s-soċjetà tinqaleb ta' taħt fuq. Hija sejħa li nwaqqgħu l-ħitan tal-firda u li niftħu qlubna għall-ħidma li ma taqta' xejn ta' l-Ispirtu s-Santu fina u madwarna. Hekk nistgħu nwasslu l-freskezza eterna tal-messaġġ ta' Kristu.

**Il-Knisja li tħobb**

Huma ħsibijiet bħal dawn fuq il-Knisja ta' Vatikan II li darba ġegħluni nikteb:[12] "Innamrajt magħha għax hi bħal pulmun tas-soċjetà. Pulmun li jagħti nifs ġdid, frisk u mimli ħajja. Għandha s-saħħa u l-qawwa dinamika tad-demm li jiġri fl-arterji u l-vini tal-ġisem sa l-ibgħat irkejjen tiegħu. Innamrajt magħha meta rajtha tifraħ, u meta rajtha tibki ma' wliedha, tħoss il-polz tas-suċċessi u ta' l-għomma tagħhom. Innamrajt magħha meta rajtha tinsatar għax mhedda, u meta – ħielsa minn kull xkiel – ilmaħtha ħierġa, toqmos fil-beraħ u timla mnifsejha b'żiffa ta' libertà ġdida.

"Innamrajt magħha meta smajtha tilheġ, u rajtha titkagħweġ b'uġigħ il-ħlas biex twelled soċjetà mġedda, soċjetà li taqbeż għall-batut u għall-emarġinat. Innamrajt magħha meta għajruha rivoluzzjonarja għax qabżet għall-imwarrab u għall-imkeċċi. Innamrajt magħha meta għajruha qabar imbajjad għax tippriedka mod u tagħmel ieħor – xhieda tad-dgħufija tiegħek u tiegħi.

"Innamrajt magħha għalkemm għajruha sinjura u mbiegħda mir-realtajiet tad-dinja. Innamrajt magħha meta għajruha antikwata għax irrispettat it-tradizzjonijiet ta' l-imgħoddi. Innamrajt magħha meta għajruha progressiva għax impenjat ruħha li tiġġedded, u li tinfatam minn passat li kien ixekkilha fil-qadi tal-missjoni tagħha.

"Innamrajt magħha għax maż-żmien qiegħda tieħu aktar il-post tagħha fil-qalba tad-dinja, u tagħmel lilha nfisha aktar preżenti fil-mixja ta' l-umanità. Innamrajt magħha għax l-identità tagħha tinsab f'li tmut għaliha nfisha biex tinħass – bħall-melħ li jrid jinħall u jintilef biex jintiegħem... bħall-ħmira li tintilef u tinħeba fil-għaġna biex tgħolliha.

"Innamrajt magħha fit-twelid tagħha mill-Ispirtu fiċ-Ċenaklu ta' Ġerusalem. Innamrajt magħha meta demm il-martri kien iż-żerriegħa tagħha. Innamrajt magħha meta f'Cassino qdict u żammet ħajja ċ-ċiviltà. Innamrajt magħha meta rajtha rasha iebsa fis-silġ ta' Canosa. Innamrajt magħha fil-firda li filġitha f'Avignon. Innamrajt magħha meta tellgħet sur madwarha fi Trentu. Innamrajt magħha meta fetħet tieqa żgħira, u daħal riefnu li ġeddidha fil-Vatikan II.

"Innamrajt magħha u nħobbha fit-tlugħ u nżul tagħha mal-mewġ ta' l-istorja ta' l-umanità. Knisja li hi kemm omm u għalliema, kif ukoll oħt u dixxiplu... Knisja li int u jien imsejħin biex nagħtu sehemna fiha... Knisja li fiha mistiedna nimxu flimkien... għax ilkoll aħwa fi Kristu."

## Noti:

1. Ara Papa Pawlu VI, Diskors fil-Ftuħ tat-II Sessjoni tal-Konċilju Vatikan, *Enchiridion Vaticanum*, Vol. I, Bologna 1976, par.166. Ara wkoll Brendan Leahy, "A Theology of Community Revisited", fil-ktieb F. Chica et al., ed., *Ecclesia Tertii Millennii Advenientis*, Casale Monferrato 1997, 208.

2. Papa Pawlu VI, Diskors fil-Ftuħ tar-IV Sessjoni tal-Konċilju Vatikan II, *Enchiridion Vaticanum*, vol. I, par.333.

3. Papa Ġwanni Pawlu II, Diskors lill-Konferenza ta' Studju dwar l-Implementazzjoni tal-Konċilju Vatikan II, 27 ta' Frar 2000, 1.

4. Ara Walter Kasper, "The Council's Vision for a Renewal of the Church", *Communio* 17 (1990) 474.

5. Fuq dan il-proċess ta' riskoperta ta' l-għejjun tal-Knisja, ara l-ktieb Hector Scerri, *Koinonia, Diakonia and Martyria: Interrelated Themes in Patristic Sacramental Theology as Expounded by Adalbert-G. Hamman O.F.M.*, Melita Theologica Supplementary Series 4, Malta 1999, 41-48.

6. "A religious process of incalculable importance has begun - the Church is coming to life in the souls of men". Dawn huma l-ewwel kelmiet tal-ktieb ta' Guardini, *Vom Sinn der Kirche*. Ara Guardini, *The Church and the Catholic*, fil-volum *The Church and the Catholic & The Spirit of the Liturgy*, New York 1935, 11.

7. Papa Ġwanni Pawlu II, Diskors lill-Konferenza ta' Studju dwar l-Implimentazzjoni tal-Konċilju Vatikan II, 27 ta' Frar 2000, 7.

8. Ara Annetto Depasquale, "The Learning Church", fil-ktieb Aa.Vv., *The Dove Homing in the Owl's Nest,* 139-140.

9. Ara Yves Congar, fil-ktieb H. Vorgrimler, ed., *Commentary of the Documents of Vatican II,* Vol. 5, London-New York 1969, 219.

10. Ara Christoph Schönborn, *Amare la Chiesa,* Cinisello Balsamo 1997, 18.

11. Ara Walter Kasper, "The Council's Vision for a Renewal of the Church", 493.

12. Ara l-artiklu tiegħi, "Il-Knisja li nħobb", *Il-Ġens* (12.11.1999) 20.